# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 18 ta' Ġunju, 2020**

Appell numru 148 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Marie Claire BOFFA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Marzu, 2018 fil-konfront ta' Marie Claire Boffa, karta tal-identità bin-numru 517287M, li ġiet mixlija:

> Talli bejn ix-xahar ta' Marzu u fil-jiem li għaddew minn ġewwa 50, Thanks God, Triq il-Ħbit mill-Ajru, Kalkara u dawn il-gżejjer:
>
> 1. Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandha, ġiegħlet bl-awtorita' tagħha nnifisha lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklet lil Matthew Agius fil-pussess

ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħlet fi ħwejeġ ta' ħaddieħor (Mutur Honda).

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, stqarret li wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lil Marie Claire BOFFA ħatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u illiberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur u dan ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta spjegat lill-ħatja fi kliem ċar, kemm ir-responsabilita' tagħha u x'jiġri jekk hija tikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' sitt (6) xhur u ordnat lil Marie Claire Boffa sabiex, ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali, fi żmien ġimgħa tagħti lil Matthew Agius il-*parts* kollha tal-mutur Honda li ġew meħuda mill-fond 50, Thanks God, Triq il-Ħbit mill-Ajru, Kalkara flimkien mal-*log book* relattiv għall-istess mutur taħt penali ta' għaxar ewro (€10) kuljum għal kull ġurnata ta' ritard.

3. Illi minn din is-sentenza Marie Claire Boffa interponiet appell permezz ta' rikors datat it-3 ta' April, 2018 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha mhux ħatja tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u konsegwentment tilliberaħa minn kull ħtija u piena skond il-liġi. Dan wara li saħaq is-segwenti: -

Illi fl-ewwel lok l-esponenti tissottometti li lanqas biss jesistu l-elementi kollha neċessarji għas-sejbien ta' ħtija tar-reat ta' ragion fattasi

kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Skond il-ġurisprudenza l-elementi kostruttivi ta' dan ir-reat huma:

1. Att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun eżegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew ġresunta, ta' dan il- ħaddieħor;
2. Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt;
3. Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel *'di privato braccio'* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u
4. In-nuqqas ta' titolu li jirendi l-fatt aktar gravi.

Illi l-imsemmija elemti huma kumulattivi.

Fil-kawża odjerna l-esponenti umilment tissottometti li *a tempo vergine* it-tehid tal-mutur lura fil-pussess ta' omm l-appellanti sar bil-kunsens espress tal-istess kwerelant kif jirriżulta ampjament mill-iskambju tal-messaġġi fil-11 ta' Marzu 2017 (dak inhar stess tal-iffirmar tal-konvenju għal bejgħ tal-fond fil-Kalkara) bejn il-kwerelant u Carmen Boffa, skambju ta' messaġġi li ġie eżebiti fl-atti. F'dawn il-messaġġi wieħed isib li meta Carmen Boffa nfurmat lil kwerelant li l-mutur kien fil-fatt tagħha, il-kwerelant qalilha li kien qed jifimha iżda nfurmaha li kien nefaq elf euro fuqu u talabha tagħmel suġġeriment. Għal dan Carmen Boffa qaltlu li kienet lesta tatih il-flus li nefaq u li kienet tatihomlu appena jerġa' jaqleb il-mutur fuq isimiha. Il-kwerelant allura qalilha ***"For me it is fine. We can proceed. And we will settle this thing with you".*** Kien biss wara dan l-iskambju li l-appellanti, fuq talba ta' ommha Carmen Boffa, marret mal-istess ommha fil-fond tal-Kalkara u ħadet lura parts tal-mutur lura fil-garage ta' ommha ftit ġranet wara. Il-kwerelant tant kien konxju tal-kunsens li kien taha għat-tehid tal-parts tal-mutur li baqa' sieket għal oltre sahar u nofs sakemm milli jidher reġa' bdielu u ried il-mutur u allura fit-28 ta' April 2017 mar jagħmel rapport mal-pulizija.

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, hija kkunsidrat u kkwotat biss il-proposta ta' omm l-appellanti mingħajr ma kkwotat ir-risposta tal-kwerelant li aċċetta espressament li omm l-appellanti **tieħu lura l-pussess tal-mutur** u tatih il-flus mal-iffirmar tat-transfer fuq il-log book tal-mutur.

Illi tenut li dak iż-żmien, sija l-appellanti u sija l-kwerelant, kienu qed jiżgombraw id-dar tal-Kalkara mil-effetti li ma kienux ser jiġu trasferiti mal-bejgħ tal-fond, hija nverosimili għall-aħħar il-kontenzjoni tal-kwerelant li huwa dam xahar u nofs qabel nduna li l-parts tal-mutur kienu ttieħdu mid-dar tal-Kalkara. Mill-banda l-oħra, sija it-trapass ta' xahar u nofs qabel ir-rapport lill-pulizija jirrendu ultra verosimili l-

verżjoni tal-appellanti li t-tehid tal-parts tal-mutur kien sar bil-kunsens tal-kwerelant.

Illi t-tieni aggravju huwa li b'konsegwenza tal-provi prodotti l-Ewwel Qorti injorat il-prinċipju bażilari fil-kamp kriminali li l-ħtija kellha tinstab biss kemm il-darba l-prosekuzzjoni ppruvat il-każ mingħajr ebda dubju raġonevoli. Huwa paċifiku li mhux biss il-kwerelant iżda anke l-appellanti kienu kompossessuri, għalkemm mhux kompropjetarji, tal-parts tal-mutur in kwistjoni; li tali parts kellhom jitneħħew mill-fond fil-Kalkara stante li dan ġie mwiegħed li jinbiegħ; li kull parti (kwerelant u appellanti) kienu ineħħu mill-fond dawk l-affarjiet tagħhom u b'hekk jispussessaw wieħed lill-oħra u viceversa mit-tgawdija tal-pussess. Il-fatt li l-mutur kien reġistrat mat-Transport Malta fuq isem il-kwerelant ma huwa ta' ebda rilevanza stante li l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' malta jikkonċerna biss pussess u mhux propjeta. L-aġir tal-appellanti kellu jitqies li kien għalhekk fin-normalita ta' dak li kien qed jiġri dak iż-żmien li naħa jew oħra tieħu l-affarjiet tiegħu jew tagħha u tali fatt meddu nissel dubju raġjonevoli li kellu bi dritt imur favur l-appellanti.

***Ikkunsidrat: -***

5. Illi nhar it-28 ta' April 2017 għall-ħabta tal-15:44, Matthew Agius mar jagħmel rapport l-Għassa ta' Bormla fejn stqarr illi hu kellu mutur tal-għamla Honda VT5 bin-numru ta' reġistrazzjoni FBL616 li kien qiegħed għand l-ex tfalja tiegħu, ċjoe l-appellanta. Il-kwerelant spjega li hu kien ilu madwar sena u nofs li temm ir-relazzjoni li kellu ma BOFFA u li kien ittrasferixxa l-mutur fil-garaxx tal-fond bl-indirizz 50, Thanks God, Triq il-Ħbit mill-Ajru, l-Kalkara, li kienet propjeta' tat-tnejn li huma. Agius talab li l-mutur jerġa' jiġi ritornat lura lilu peress illi dan kien tiegħu u filfatt jinstab anki reġistrat fuq ismu. Dan il-fatt ġie konfermat ukoll mill-Pulizija fl-istħarriġ tagħhom.

6. Meta ġiet mitkellma l-appellanta, hi saħqet illi kienet kelmet lil Matthew Agius fejn kienet qaltlu li jekk ma jridx il-mutur, ommha kienet interessata li tieħdu lura. Agius kien qal li kien dispost jagħmel hekk versu l-pagament ta' elf euro (€1000) tal-ispejjeż li kien nefaq għar-restawr tal-mutur. Omm l-appellanta, Carmen Boffa, stqarret li l-mutur kien tagħha irrispettivament mill-fatt illi Agius kien indikat bħala r-*reġistered owner*.

7. Peress illi ma ntlaħaqx kompromess bejn il-partijiet dwar dan il-mutur, il-Pulizija pproċedew bil-passi kontra l-appellanta fejn wara li tressqet il-Qorti u nstemgħu il-provi kollha prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, hi nstabet ħatja tal-unika mputazzjoni miġjuba kontra tagħha.

*Ikkunsidrat: -*

8. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond***

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

9. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover

---

***Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

10. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

11. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

12. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

13. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

14. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

15.Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

16.In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

17. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

18. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

19. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

20. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

21. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.

22.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

23.Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

24.U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa'**

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

25. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

26. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba

quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

***Ikkunsidrat :-***

27. Illi l-appellanta tisħaqq illi hi qatt ma setgħet tinstab ħatja tar-reat ta' *ragion fattasi* kif miġjub kontra tagħha peress illi fil-fehma tagħha l-elementi rikjesti biex jitqies integrat dar-reat ma rriżultawx.

28. Ir-reat ta' ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jaqra kif ġej:

> Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'

29.Is-sors legali li fuqu dan ir-reat huwa msejjes huwa l-Artikolu 168 tal-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan l-Artikolu fil-fatt kien jippreskrivi r-reat bħala ***vie di fatto*** u jsegwi:-[9]

> Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

30.Huwa ċar li l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan ifisser li għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dan ir-reat, din il-Qorti tista' tagħmel riferenza għal ġurisprudenza mhux biss Maltija iżda anke dik li tolqot dan l-artikolu fid-defunt Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet u Kodiċi esteri oħra li kienu konsoni ma' dan it-test tal-Liġi Borbonika.

31.Illi fil-kawża ***Il-Pulizija versus Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:-

> Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).

---

[9] Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : *De' reati contra l'amministr. pubblica*, Sezione III, *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica' autorita'*.

32.Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qorti tara li l-Qrati Maltin ħadnu l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu **kemm** b'mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, **kif ukoll** interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa' tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi Penali tar-Renju tal-Italja (jew il-Kodiċi Zanardelli). Dan jirriżulta li seħħ minħabba li għalkemm f'dawn il-Liġijiet ma hemmx l-identiċita tal-lokuzzjoni tar-reat, baqgħet somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.

33.It-test tal-Kodiċi Zanardelli relattiv għar-reat ta' ***ragion fattasi*** jaqra:-

286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l'altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito :

1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;

2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;

3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.

Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.

Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.

287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza

> verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

34. Dan ir-reat isib postu taħt il-*Capo 3* li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-awtorita' pubblika. Il-Carrara jfisser dan ir-reat b'dan il-mod :

> La ragion fattasi (1) e' il delitto di chiunque – credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.[10]

35. Din id-definizjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat, li skont l-istess Carrara huma :

> 1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.[11]

36. Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Zanardelli mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie, b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali *in primis* jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-mezz tal-vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Zanardelli kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li, fil-kuntest legali Malti, ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi bħal dik mogħtija

---

[10] ***Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale***, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849.

[11] Ibid. Paġna 487, paragrafu 2850.

mill-Imħallef William Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et*** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża ***Il-Pulizija vs Anthony Zahra***, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi;

37.Għalkemm din l-esposizzjoni tal-elementi tar-reat ta' ragion fattasi tirrispekja dak mistqarr mill-Carrara fuq il-Kodiċi Penali Taljan kif muri aktar il-fuq, il-Qrati Maltin abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq ir-reat ta' ragion fattasi li kien misjub taħt il-Kodiċi Borboniku. Il-Qrati Maltin komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi fil-każ speċifiċi għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi meqjus integrat.

38.Sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd - ikun xi jkun dak il-pussess jew jedd – dment li jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew jedd jew xi forma tiegħu. F'Malta, anke detenzjoni minn konjuġi ta' dar fuq mera tolleranza u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi, ġiet ritenuta li tintegra r-reat

ta' ragion fattasi u dan peress li kien hemm l-i*status quo* li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.[12]

39. Is-suġġett attiv ġie li *si e' fatto arbitariamente ragione* u mhux sempliċiment *si e' fatto ragione da se'*. Skont is-sentenza tal-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 *Mioli* ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jikkastiga *chi si fa ragione da se' ma chi si fa* ***arbitrariamente*** *ragione*[13] b'mod li jitturba l-i*status quo* prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.

40. Skont il-**Carmignani**, li jikkummenta fuq il-Liġi fit-Toskana qabel l-unifikazzjoni tal-Italja, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda jrid ikun hemm pussess "**attwali**" **u** li tkun l-azzjoni tat-terz li twassal **għat-turbattiva ta' dak l-*istatus quo***: -

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[14]

---

[12] Ara ***Il-Pulizija vs Joseph Bongailas***, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 fejn intqal li :

> Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

[13] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lill-kerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha.

[14] Enfazi mizjuda – ***Elementi di Diritto Criminale***, Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

41.Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt. Skont l-**Arabia**,[15] l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.

42.L-Arabia kien qiegħed jikkonċentra fuq il-Liġi Borbonika tal-*vie di fatto* - identika għal dik Maltija *in materia* - u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' *ragion fattasi* fil-Kodiċi Zanardelli.

43.Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza fuq il-Kodiċi Penali Taljan, li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Il-kurrent tradizzjonali jsostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq il-vjolazzjoni tal-monopolju ġurisdizzjonali bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv billi dan, minflok ma jirrikorri obbligatorjament għall-ġurisdizzjoni tal-awtorita tal-Qrati, jaġixxi fattwalment minn jeddu biex jieħu dak id-dritt li jippretendi li għandu mingħajr ma jadixxi lill-Awtorita

[15] ***I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie***, Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

Ġudizzjarja kompetenti. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa l-*istatus quo* tal-pussess tad-drittijiet; l-istatus quo intiż bħala l-istat ta' fatt fejn persuna tkun qed teżerċita dritt fuq oġġett anke jekk tkun titolari *apparentia iuris*, u fejn allura l-azzjoni turbattiva tas-suġġett attiv tiddisturba dan l-i*status quo* ta' pussess anke bażat fuq *apparentia iuris*.[16]

44. Inoltre, skont il-Carrara "*qui continuat non attentat*";[17] u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata : -

> L'atto esterno deve privare altro *contro sua voglia* di un *bene che gode*. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e *continua* a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque; perche' la legge protegge lo *stato quo,* il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

45. Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li : -

> Si e' conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo' essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo' verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu' recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina', CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85 Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere <presteso> si ricava come gli elementi sopra indicati descrivano innanzitutto come presupposto del reato l'esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita' del diritto.[18]

---

[16] Ara ***Codice Penale***, Tullio Padovani, Tomo I, IV Edizione, 2007, Giuffre Editore, paġna 2610 taħt il-vuċi "oggetto giuridico".

[17] Ara ***Programma***, Vol. 5, pagna 488.

[18] ***Codice Penale***, Tullio Padovani, op. cit. a fol 2611 taħt il-vuċi "soggetto attivo".

46. Anke taħt il-Kodiċi Borboniku kien importanti li tkun ravviżata din il-kontroversja jew kontenzjożita ta' drittijiet. Skont l-Arabia, din tirriżulta meta jkun hemm is-segwenti :

> Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro avea dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare pel suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata. Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il dette cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art. 168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.

47. Illi din il-ġurisprudenza hija riflessa fil-ġurisprudenza Maltija, li kif intwera, tqis l-elementi tar-ragion fattasi bħala li huma s-segwenti:-

> a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
> b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
> c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
> d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;

Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.[19]

48. B'hekk il-fatt li persuna jkollha titolu fuq il-propjeta ma jipprekludihiex milli tkun passibbli għar-reat ta' ragion fattasi fil-każijiet kongruwi. Ir-reat jista' jissusisti wkoll f'każ li l-persuna affetta mill-azzjoni tas-suġġett attiv setgħa kellha biss is-sempliċi pussess jew detenzjoni tal-proprjeta in kwistjoni jew saħansitra meta sempliċiment ikollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-propjeta' in kwistjoni u, minħabba l-azzjoni tas-suġġett attiv, hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija tal-istess oġġett. Infatti fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas,***[20] il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

> L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

49. Ukoll fl-appell ***Il-Pulizija vs. John Vassallo***[21], il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi:

---

[19] Ara ***Il-Pulizija vs. Anthony Zahra*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn ***Il-Pulizija vs. Mario Bezzina***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs. Michael Lungaro***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u ***Il-Pulizija vs Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

[2020] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22 t'Ottubru 2001.

[21] Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22 ta' Marzu 1991.

Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

50.Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Anthony Micallef,***[22] ingħad is-segwenti:

Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili - izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhomjagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.

Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet civili incidentali ghar-risoluzzjoni tal-vertenza penali.

Fil-meritu, ma hemmx dubbju li, indipendentement minn fejn kien il-passagg originali fil-ghelieqi – u cioe` jekk hux ezatt fejn illum hemm ir-rampa (kif jikkontendi Alfred Micallef u xi whud minn hutu) jew xi ftit piedi jew metri fuq naha minnhom ta' din ir-rampa (kif jikkontendi l-appellant, ibnu u xi xhieda ohra) – il-fatt jibqa' li Alfred Micallef ghal certu zmien mhux inkonsiderevoli kien jaghmel uzu mir-rampa ghax kien jippretendi li dak kien il-passagg komuni bejn l-ahwa li minnu kellu dritt jghaddi biex jaccedi ghall-ghelieqi tieghu: fi kliem l-ewwel qorti fis-sentenza appellata: "…Alfred Micallef kien ilu jghaddi liberament minn dan il-passagg ghal ammont ta' zmien indefinit u dan bi pretenzjoni ta' dritt, u cioe` li dak kien passagg komuni bejn l-ahwa". Il-pretensjoni ta' l-appellant li huh kien qed jithalla juza r-rampa biss b'tolleranza u li ghalhekk ma kellu ebda dritt ta' passagg jekk mhux bil-bona grazzja tieghu, huwa kellu se mai jiddeduciha quddiem il-qorti kompetenti civili, u mhux jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh billi effettivament jimpedih milli jaccedi ghall-

[22] Deċiża fit-30 ta' Lulju 2004 mill-Prim' Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano.

ghelieqi tieghu kif kien ilu jaghmel. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, fl-kaz in dizamina jirrikorru l-elementi kollha rikjesti ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' ragion fattasi. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'dik is-sentenza.

51.Skond sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Dimech***[23] :

> id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.

***Ikkunsidrat : -***

52.Matthew Agius jisħaq illi l-mutur kien sitwat fil-garaxx tal-propjeta li hu kellu in komuni mal-appellanta. Huma t-tnejn biss kellhom aċċess għal dan il-fond. Din il-propjeta' kienet għadha kif tpoġġiet fuq konvenju sabiex tinbieħ xi żmien wara. Jgħid ukoll illi dan il-mutur kien taz-ziju tal-appellanta, ċjoe' ta' ħu ommha. **Il-mutur kien ingħata lilhom it-tnejn bil-kunsens t'ommha** peress illi hu kien dilettant tal-muturi f'dawk iż-żminijiet. Agius jgħid li hu għamel ħafna xogħolijiet fil-mutur u nefaq il-flus sabiex jirrestawrah. Oriġinarjament kien jaħdem fuqu fil-garaxx ta' omm l-appellanta. Iżda sussegwetement niżlu fil-garaxx tagħhom fir-residenza komuni li kellhom ġewwa l-Kalkara. Agius jisħaq li kien anki ħallas il-liċenzji li omm l-appellanta kellha b'lura. Hu jgħid li qatt ma kien hemm kwistjonijiet dwar dan; u lanqas ma kien hemm pretensjonijiet fuq dan il-mutur minn omm l-appellanta.

---

[23] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

53. Xi snin wara li dan il-mutur ġie fil-pussess tiegħu, Agius u l-appellanta waqqfu r-relazzjoni li kellhom bejniethom. Agius jikkonferma li kien hemm komunikazzjoni datata 11 ta' Marzu 2017 permezz ta' messaġġi li saru bejnu u bejn omm l-appellanta, liema skambju jinstab inserit fl-atti.[24] L-appellanta kienet infurmatu li ommha, Carmen Boffa, xtaqet tieħu l-mutur lura għandha.

54. Mill-kontenut ta' din il-komunikazzjoni jirriżulta li Carmen Boffa kienet qed tisħaq illi l-mutur kien tagħha, filwaqt illi l-kwerelant qed jitlobha tissuġġerixxi kif l-aħjar li jimxu l-quddiem minħabba l-ispejjez konsiderevoli li hu għamel biex irrestawrah. Il-korrispondenza turi li Carmen Boffa kienet lesta tħallsu dawn il-flejjes kif ukoll għat-trasferiment tal-*logbook* in vista tal-fatt li l-mutur kien ġie reġistrat fuqu. Minn dawn il-messaġġi, a differenza ta' dak illi saħqet l-appellanta u l-legali tagħha, ma jirriżultax espressament li l-kwerelant kien qiegħed jikkonċedi li l-mutur kien filfatt t'ommha.

55. Dawn il-messaġġi juru li kienu qegħdin isiru tentattivi ta' kompromess bejnu u bejn omm l-appellanta, għalkemm il-pattijiet u t-termini ma jirriżultawx li kienu ċari ħafna. Ma jirrizultax lanqas jekk dawn il-patti ġew onorati.

56. Agius saħaq ukoll illi hu ma kienx infurmat li dan il-mutur kien ser jittieħed mill-propjeta' fil-Kalkara tant illi huwa ħaseb li nsteraq

[24] Folio 31 et seq tal-atti proċesswali.

minn xi ħadd. Kien biss meta, fuq struzzjonijiet tal-Pulizija, ikkomunika mal-appellanta dwaru, illi ġie infurmat li kien fil-pussess tagħha. Jirriżulta wkoll illi l-kwerelant ma kien tħallas xejn minn Carmen Boffa fir-rigward tal-ispejjeż li huwa kien għamel fil-mutur kif ukoll li l-*logbook* tal-mutur kien ittieħed mingħandu.

57. Mill-banda l-oħra l-appellanta tisħaq illi dak **<u>il-mutur filfatt kien t'ommha, li kienet tagħtulhom it-tnejn li huma bil-patt illi huma jħallsuh lura bil-mod</u>**, ħaġa li huma qatt m'għamlu. Tgħid li anki hi kienet ħadmet fuq dan il-mutur – għalkemm dan il-fatt ġie kontradett kemm mill-kwerelant kif ukoll minn omm l-appellanta. Tgħid illi l-mutur kien ittieħed mill-garage t'ommha wara li kienu xtraw id-dar tal-Kalkara. Il-mutur baqa' fid-dar tal-Kalkara anke wara li hi u Agius ħasru r-relazzjoni ta' bejniethom. Hi kienet poġġiet dan il-mutur għall-bejgħ. L-appellanta tikkonċedi wkoll li l-mutur kien ġie reġistrat mat-Transport Malta fuq isem Agius **<u>u li dan sar bil-kunsens tagħha</u>**.

58. L-appellanta tgħid li kienet aċċediet għall-fond tal-Kalkara u rrealizzat illi l-appellant kien remilha xi effetti personali tagħha mingħajr il-kunsens tagħha. F'dik is-sitwazzjoni li kienet żviluppat bejn l-appellanta u Matthew Agius, Carmen Boffa kienet iddeċidiet li riedet il-mutur lura. L-appellanta tikkonferma wkoll illi hi ma kinitx infurmat lill-appellant li hi u ommha kienu ser jieħdu l-mutur u l-*logbook* mid-dar tal-Kalkara. Ir-raġuni kienet li l-appellanta kienet tqis li ommha kienet sidt il-mutur kif ukoll għax hi beżgħet li

l-appellant seta' jagħmel xi vendikazzjoni fuqha kif allegat li ġieli kellu l-ħabta jagħmel.

59. Carmen Boffa minn naħa tagħha tikkonferma illi hi riedet tieħu l-mutur lura **wara** li bintha ħassret minn ma Matthew Agius. Carmen Boffa tgħid li kienet hi li ssuġġeriet lill-appellanta biex il-mutur jieħduħ mill-fond fejn kien tħalla minn Agius u l-appellanta. Biss kienet l-appellanta li tagħtha l-aċċess għall-garage, minn fejn it-tnejn li huma ħarġu l-mutur, li kien żarmat, u l-*logbook* tiegħu.

60. Carmen Boffa ippretendiet li dan il-mutur kien tagħha peress li hi kienet baqgħet ma tħallsitx tiegħu. Boffa emnet li kellhom kull dritt jieħduħ mill-garaxx - mingħajr ma jinfurmaw lil Agius – u dan peress li hi tinsisti li l-fond fejn kien sitwat dan il-mutur kien jappartjeni kemm lilu kif ukoll lill-appellanta. Boffa dehrilha wkoll li l-fatt li Agius kien reġistrat bħala s-sid tal-mutur mat-Transport Malta ma jnaqqas xejn minn dak illi hi saħqet dwaru, senjatament id-dritt tagħha bħala sidt l-istess mutur. La kienet is-sid tal-mutur hi pretendiet li setgħet tieħu lura dan il-mutur meta u kif trid u jogħġobha.

***Ikkunsidrat : -***

61. Minn apprezzament ta' dawn il-provi kif ukoll minn dak li jirriżulta mill-ġurisprudenza aktar il-fuq imsemmija, kontra dak li setgħet taħseb Carmen Boffa u l-appellanta, dan huwa każ klassiku ta'

ragion fattasi kommess minn kompossessur fuq kompossessur ieħor. L-appellanta ippretendiet illi :

(a) peress li kienet tikkunsidra lil ommha bħala sidt il-mutur,
(b) Agius kien ħadilha u remhielha xi affarijiet personali tagħha,
(c) kif ukoll għax qalet li beżgħet li jagħmlilha xi vendikazzjoni,

hi kellha l-jedd li tieħu dan il-mutur minn fejn - kemm hi kif ukoll Agius - kienu ħallewh. Biss is-sitwazzjoni legali korretta mhix dik.

62. Din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati qabilha, ma tistax tidħol fuq min verament kien is-sid tal-mutur, u dan peress li din hija Qorti ta' ġurisdizzjoni penali. Iżda minn dak li xehdet l-appellanta stess, kif ukoll minn dak li stqarret ommha, jirriżulta li kemm l-appellanta kif ukoll Agius kienu jippossjedu dan il-mutur, għax kienet Carmen Boffa stess li kienet **<u>tagħtu</u>** lilhom it-tnejn – u mhux lill-appellanta biss. Anzi jirriżulta mix-xiehda tagħhom li kemm l-appellanta kif ukoll Agius kienu qablu bejniethom li dan il-mutur iżommuh f'dan il-post li huma kellhom in komun fil-Kalkara.

63. L-appellanta u ommha jaqblu li ħadu dan il-mutur minn fejn kien tħalla mill-appellant u Agius **<u>mingħajr il-kunsens ta' Agius, u mingħajr ma rrikorrew għal mezzi legali</u>** sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-mutur minn fejn kien, minkejja li huma jippretendu illi dan kien jappartjeni lil Carmen Boffa.

64. L-azzjoni konġunta bejn l-appellanta u ommha li jieħdu l-mutur mill-post fejn kien tħalla mill-appellanta u Agius, kienet azzjoni li fixklet il-jedd ta' *pussess,* fis-sens penali tal-kelma, li Agius kien igawdi fuq il-mutur irrispettivament mill-kwistjoni ta' min kien il-veru sid tal-istess mutur.

65. Il-fatt li kien hemm element ta' kontroversja bejn l-appellanta u Agius joħroġ mix-xiehda tat-tnejn li huma – u b'mod partikolari dik tal-appellanta li tinsab f'paġna 38 mnejn jirriżulta li r-relazzjoni ta' bejniehom mhux biss kienet spiċċat, iżda kien hemm ukoll xi battibekki bejniethom fir-rigward ta' proprjeta li kienu ħallew fil-fond de quo; u fejn l-appellanta tallega wkoll li Agius kien qabad u ħadilha xi affarijiet li kienu tagħha u remihom – tant li qallha li kienu l-Magħtab. Kien wara dan li l-appellanta iddeċidiet, flimkien m'ommha, li l-mutur ma kienx għad hemm postu fid-dar tal-Kalkara u flimkien ħaduh il-barra minn hemm, mingħajr ma nfurmaw lil Agius. Il-pretiża tad-dritt ta' sidt il-mutur vantat minn Carmen Boffa waslet lill-appellanta biex, bl-azzjoni tagħha li tieħu l-mutur minn postu, tikser il-monopolju ġurisdizjonali tal-Maġistrat, billi flimkien m'ommha, ħadet il-Liġi b'idejha.

66. Dan qiegħed ukoll jingħad in forza ta' dak deċiż fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Georgina Gauci*** tas-7 ta' Jannar 1998 fejn ġie ritenut li :

> Fil-ligi taghna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra....Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom - sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oggett. L-istess jinghad ghall-koproprjetarji:

dawn ghandhom drittijiet indaqs fuq l-oggett u, kif jipprovdi espessament l-artikolu 491 (b) tal-Kodici Civili, ghalkemm kull wiehed mill-koproprjetarji jista' jinqeda bil-hwejjeg in komun, dan ma jistax jaghmlu "b'mod li ma jhallix lill-kopropprjetarji l-ohra jinqdew biha in komun skond il-jeddijiet taghhom".

67. L-azzjoni tal-appellanta u ta' ommha li flimkien ħadu l-mutur żarmat mill-post fejn kien miżmum mill-appellanta u Matthew Agius bi qbil bejniethom u mingħajr il-kunsens ta' Agius jew l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja għal dan, kien att estern li impedixxa lil Matthew Agius minn dritt ta' pussess, anke jekk minimu, tutelat mid-dritt penali u li huwa kien igawdi fuq dan il-mutur. Dan l-att sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu tiegħu tant li huwa pprotesta din ir-rimozzjoni billi eventwalment ippreżenta l-kwerela lill-Pulizija.

68. L-appellanta u Carmen Boffa aġixxew b'dan il-mod għaliex huma kienu konvinti li qegħdin jagħmlu dan bi dritt. L-appellanta kienet tqis li dan il-mutur kien t'ommha u kien ukoll fi ħwejjiġha, hi kellha l-jedd li taqbad u toħorġu minn fejn kien, anke mingħajr il-kunsens ta' Matthew Agius.

69. Dan il-mutur tħalla fil-fond komuni bejn l-appellanta u Matthew Agius wara li dawn it-tnejn kienu spiċċaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Dak iż-żmien kienu wkoll bdew il-proċess ta' likwidazzjoni tal-assi komuni tagħhom. Fl-istess żmien, skont l-appellanta stess, kien hemm kwistjonijiet u battibekki bejniethom fir-rigward ta' xi proprjeta personali li tħalliet f'dik id-dar u li bdiet togħsfor. L-appellanta tgħid li Matthew Agius kien remhielha xi

oġġetti personali tagħha. B'hekk jirriżulta li bejniethom kien hemm diġa kontroversja li tolqot il-proprjeta rispettiva tagħhom fil-mument fejn kien hemm ukoll pretensjonijiet diversi fuq dan il-mutur vantati minn Matthew Agius, l-appellanta u Carmen Boffa. B'hekk f'dan l-isfond l-appellanta kellha x-xjenza li hija kienet qegħda tieħu b'idejha dak li suppost kellha tieħu tramite l-proċess legali.

70. Tant hu hekk li hija anke għażlet li tagħmel dan klandestinament – ċjoe mingħajr ma tgħid lil Agius u dan għaliex skontha kieku Agius kien jaf huwa setgħa jagħmlilha xi vendikazzjoni. Għalkemm fil-Liġi Maltija dan il-fattur mhux element tar-reat tar-ragion fattasi, xorta waħda huwa indikattiv tal-*modus operandi* u l-*forma mentis* tas-suġġett attiv. F'dan il-każ kemm mix-xiehda tal-appellanta kif ukoll minn dik ta' ommha, jirriżulta soddisfaċentement ippruvat li Agius kellu dak il-minimu ta' pussess meħtieġ u li jnissel f'Agius id-dritt li dan l-istess pussess jiġi penalment tutelat. L-appellanta ma setgħetx taqbad u, flimkien m'ommha, tiddisturba l-i *status quo* relattiv għal dak il-mutur jekk mhux bi qbil ma' Agius jew bl-Awtorita tal-Maġistrat. L-appellanta ħarġet il-mutur mill-post fejn kien kustodit minnha u minn Agius mingħajr il-kunsens tad-dirett interessat u mingħajr awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Ergo, ragion fattasi.

71. Finalment m'hemmx dubju lanqas li dan l-aġir ma jinkwadrax f'aġir aktar gravi.

72.Ma jirriżultax li sar aggravju mill-piena inflitta.

## *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***